**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 15 ta' Ottubru, 2015

Rikors numru : 234/2015 AL

AB
Vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-30 ta' Mejju 1986 (Vide Dok JB 1 anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla wahda li jisimha Rodienne li llum hija maggiorenni.

Illi l-partijiet isseparaw legalment minn xulxin permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia tal-14 ta' Frar 1996 (Vide Dok. JB 2 anness).

Illi m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi mhux biss ilhom snin twal mifrudin, izda sahansitra llum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi m'hemm ebda manteniment dovut lill-intimata ghaliha personali stante li ai termini tal-artikolu 3 tal-kuntratt ta' separarzzjoni sudett huma t-tnejn iddekadew reciprokament ghad-dritt ta' manteniment reciproku, filwaqt li t- tifla tal-partijiet hija maggiorrenni u tahdem.

Illi ghalhekk il-kundizzjonijiet kollha mahsuba fl-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti.

Talab ghar-ragunijiet fuq imsemmija illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju/hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi debitament registrat skond il-ligi;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Gunju 2015;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Frar 1996 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.